

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL 2011/488/PESK**tal-1 ta' Awwissu 2011****li timplimenta d-Deċiżjoni 2011/273/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/273/PESK tad-9 ta' Mejju 2011 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tagħha,

Billi:

- (1) Fid-9 ta' Mejju 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/273/PESK.
- (2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, persuni oħrajn għandhom jiżdiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi mniżżla fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/273/PESK,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-persuni elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandhom jiżdiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet mniżżla fl-Anness tad-Deċiżjoni 2011/273/PESK.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Awwissu 2011.

*Għall-Kunsill**Il-President*

M. DOWGIELEWICZ

⁽¹⁾ ĠU L 121, 10.5.2011, p. 11.

ANNEX

Persuni msemija fl-Artikolu 1**A. Persuni**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni (data tat-twelid, post tat-twelid...)	Raġunijiet	Data tal-elekar
1.	M. Mohammad Mufleh		Kap tal-Intelligence Militari Sirjana tal-belt ta' Hama, implikat fir-ripressjoni kontra l-manifestanti.	1.8.2011
2.	Maġġur Ġeneral Tawfiq Younes		Kap tad-Dipartiment għas-Sigurtà Interna tad-Direttorat tal-Intelligence Ġenerali; involut fil-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	1.8.2011
3.	Is-Sur Mohammed Makhoul (magħruf ukoll bħala Abu Rami)	Imwieled f'Latakia, Sirja 19.10.1932	Soċju mill-qrib u z-ziju matern ta' Bashar u Mahir al-Assad Soċju fin-negozju u missier Rami, Ihab u Iyad Makhoul.	1.8.2011
4.	Ayman Jabir	Imwieled f'Latakia	Soċju ta' Mahir al-Assad għall-milizja ta' Shabiha. Involut direttament fir-ripressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili u l-koordinazzjoni tal-grupp tal-milizja ta' Shabiha	1.8.2011
5.	Ġeneral Ali Habib Mahmoud	Imwieled f' Tartous, 1939. Maħtur Ministru tad-Difiża fit-3 ta' Ġunju 2009	Ministru tad-Difiża. Responsabbli għat-tmexxija u l-operazzjonijiet tal-Forzi Armati Sirjani involuti fir-ripressjoni u l-vjolenza kontra l-popolazzjoni ċivili.	1.8.2011